MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru. 328/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Patrick Mangion ta’ 37 sena, iben Anthony u Joan nee` Camilleri, imwieled Hal-Qormi nhar it-30.01.1973 u residenti Blokk 1, flat no. 7, Triq id-Deheb Fin, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 68773(M)**

**--------------------Omissis------------------**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Patrick Mangion u ---------omissis--------- li permezz taghha huwa flimkien ma -----omissis----- gie akkuzat talli gewwa Hal-Balzan nhar id-19 ta’ Frar 2011 ghall habta tal-4.45 ta’

wara nofisinhar, ikkommetta serq mill-fond numru 43, ‘Elizabeth House’, Triq San Valentin, Balzan, liema serq huwa kkwalifikat bil-‘mezz’, bil-‘valur’ li jeccedi 2,329.37 euro, u bil-‘lok’ liema serq sar ghad-detriment ta’ Giuseppe Ciappara u Maria Dolores Ciappara li huma persuni li ghandhom aktar minn sittin sena, u/jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, gewwa Hal-Balzan, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, gewwa fond no. 37 ‘Marina’, Triq San Valentin, Balzan, arrestaw , zammew jew issekwestraw lil John Cassolo u l-mara tieghu Christine Cassola li huma persuni li ghandhom aktar minn sittin sena;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta ta’ l-imsemmija John Cassola u Christine Cassola;

Lil Patrick Mangion wahdu talli sar recidiva ai terminu ta’ l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

---------omissis----------

Lil Patrick Mangion wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D. fit-18 ta’ Mejju 2006, f’dan li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depositu ta’ Lm1000 fost kondizzjonijiet ohra kif ordna li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet

rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamulha mill-imputat, izda ma tistax tinjora l-fedina penali pjuttost ikkulurita tieghu. L-imputat ghandu problema ta' droga li qatt ma gharaf jindirizzaha u kwindi l-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva bit-tama illi l-imputat jaghmel uzu minn din iz-zamma ta' detenzjoni. Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti l-ghajnuna kollha lill-imputat biex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga.
Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 17(h), 261(b)(c)(e), 86, 267, 263, 269(g), 278(3), 340(d), 49, 50 u 289 u 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Patrick Mangion hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' erba' (4) prigunerija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------